**Ħiereġ mill-mina**

Għaddej minn fuqi das-sħab
Sewdieni kemm tridu għalkemm ma jidhirx,
Il-qawwa li fih inħossha tagħsarni
Għejja li ma titfissirx.

Iljieli bla rqad nafhom
Ħolm ikraħ bl-għoli tat-temperatura,
Rajt ħwejjeġ strambi jiġru quddiem wiċċi
Ħassejtni immur lura.

Imma meta ħsilt nieżel
Rajt idek qawwija ta' Alla setgħan,
Li għedt daqshekk għal tant persekuzzjoni
Wissejt lil għadu daħkan.

Hekk ġara għax il-folja
Kif bdiet iddur sew b'pass mgħaġġel li jwerreċ,
Għax meta tgħid biżżejjed int O Alla
Ta' kontrik isir bċejjeċ.

U hekk tidher qawwietek
Li għaliha kulħadd ibaxxi rasu,
Għax leħnek ma' kullimkien se jinstema'
Bilfors trid tagħti kasu.

Kemm hu sew min hu miegħek
U min lilek tassew ma jibdlek ma' xejn,
Int għalih issir il-għaxqa ta' ħajtu
U tħarsu bħal ħbub l-għajnejn.

Infaħħar ismek l-għoli
Għax issa naf li int qatt ma tħallina,
Għandek niġri waqt li nħallik tmexxini
Hemm jien, ħiereġ mill-mina.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.